31988L0298

20.5.1988 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 126/53

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## tas-16 ta' Mejju 1988

## li temenda l-Anness II tad-Direttivi 76/895/KEE u 86/362/KEE li jirrigwardjaw l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċida fi jew fuq il-frott u l-ħxejjex u fuq iċ-ċereali rispettivament

(88/298/KEE)

IL-KUNSILL TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra id-Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE tat-23 ta' Novembru 1976 li għandha x'taqsam ma l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċida fi jew fuq frott u ħxejjex ([1]), kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 3768/85 ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Wara li kkunsidra id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE tal-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċida fi u fuq ċereali ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku u tal-ħtiġiet tas-saħħa pubblika u ta' l-agrikoltura, huwa meħtieġ li jkunu emendati d-dispożizzjonijiet, partikolarment il-livelli massimi, misjuba fl-Anness II tad-Direttiva 76/895/KEE li għandhom x'jaqsmu *ma' captafol, captan, chlorfenvinphos, diodine, fenitothion, folpet, formothion* u *malathion*;

Billi, għall-istess raġunijiet, jidher mixtieq li tkun aġġornata d-Direttiva 76/895/KEE biż-żieda ta' dispożizzjonijiet li għandhom x' jaqsmu ma' aktar pestiċidi, li r-residwi tagħhom jistgħu iseħħu fi jew fuq frott u ħxejjex, jiġifieri, *ethion, ethylene dibromide, mevinphos, phosalone* u 2, 4, 5-T, u biex tkun aġġornata d-Direttiva 86/362/KEE biż-żieda ta' dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' aktar residwi tal-pestiċidi li jistgħu iseħħu fiċ-ċereali, jiġifieri, *captafol*,

ADOTTA DIN ID- DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

L-Anness II tad-Direttiva 76/895/KEE hu b'hekk emendat kif ġej:

1. Għall-pestiċidi stabbiliti hawn taħt, il-livelli massimi tar-residwi misjuba fit- tabella huma mibdula bis-segwenti:

| Isem Komuni | Livelli Massimi (f'mg/kg (ppm)) | |
|---|---|---|
| captafol | 0,05: | |
| captan } is-somma | 3: | frott tat-tip tat-tuffieħ, *berries*, u frott żgħir, għeneb, tadam |
| folpet } is-somma | 2: | fażola, indivja tal-werqa wiesa', indivja, kurrat, frott ta' l-għadma, ħass, piżelli |
| | 0,1: | prodotti oħrajn |
| *ch*lorfenvinphos (is-somma ta' l-iżomeri E- u Z-iżomeri) | 1: | frott taċ-ċitru |
| | 0,5: | basal, tuberi u ħxejjex ta' l-għeruq, krafes u tursin |
| | 0,05: | faqqiegħ, frott ieħor |
| | 0,1: | ħxejjex oħrajn |
| dodine | 1: | Frott bhat-tuffieħ u frott bl-għadma |
| | 0,2: | prodotti oħrajn |
| fenitrothion | 2: | frott taċ-ċitru |
| | 0,5: | prodotti oħrajn |
| formothion | 0,2 | frott taċ-ċitru |
| | 0,1: | prodotti oħrajn |
| malathion (inkluż il-*malaoxon*) | 2: | frott taċ-ċitru |
| | 3: | ħxejjex, apparti milli ħxejjex ta' l-għeruq |
| | 0,5: | prodotti oħrajn |

([1]) ĠU L 340, tad-9.12.1976, p. 26.
([2]) ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 8.
([3]) ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 37.

2. Ir-residwi tal-pestiċida segwenti flimkien mal-partikolaritajiet korrespondenti huma miżjuda fit- tabella:

| Residwi tal-Pestiċida | | Il-livelli Massimi (ʹmg/kg (ppm)) | |
|---|---|---|---|
| Isem Komuni | Formula Kimika | | |
| ethion | 0,0,0', 0'-tetraethyl S, S'-*methylene di* (phosphorodithioate) | 2: | frott taċ-ċitru |
| | | 0,5: | Frott bħat-tuffieħ u frott bl-għadma u għeneb |
| | | 0,1: | prodotti oħrajn |
| ethylene dibromide | 1,2-dibromoethane | 0,01 | |
| mevinphos | 2-methoxy-carbonyl-methylvinyl dimethylphosphate (is-somma ta' *cis* u *transisomers*) | 0,2: | Frott bħat-tuffieħ u frott taċ-ċitru u għanbaqar |
| | | 0,5: | frott ta' l-għadma ieħor, ħxejjex bil-weraq |
| | | 0,1: | prodotti oħrajn |
| phosalone | S-(6-chloro- 2-oxobenzo— oxazolin- 3-yl) methyl 00-diethyl phosporodithioate | 1: | frott taċ-ċitru u frawli |
| | | 2: | Frott bħat-tuffieħ u ħawħ |
| | | 0,1: | ħxejjex ta' l-għeruq u żebbuġ |
| | | 1: | prodotti oħrajn |
| 2,4,5-T | (2,4,5-tri-chlorophenoxy)-aċidu aċetiku | 0,05 | |

*L-Artikolu 2*

Ir-residwu tal-pestiċida segwenti huma b'hekk miżjuda mal-Parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/362/KEE:

| Residwi tal-Pestiċida | Il-livelli massimi ʹmg/kg (ppm) |
|---|---|
| 19 captafol | 0,05 |

*L-Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva

— mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1988 fil-każ ta' captafol, captane u folpet;
— mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1989 fil-każ tal-pestiċidi l-oħrajn.

Għandhom jinfurmaw minnufiħ lill-Kummisjoni dwar dan.

*L-Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' Mejju 1988.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

I. KIECHLE